# 59. L-Urugan

Urugan!
Il-karti tal-gazzetti
qamu bil-wieqfa
jiġru mat-toroq battala,
qishom erwieħ
mistejqra mill-qabar...
is-siġar
minxura mal-art
bħas-suldati
fil-kamp tal-battalja...
il-bozoz
jixxenglu mal-fili
bħat-tazzi tal-whisky
f'idejn is-skaren...
mas-sarsi u t-turretti
ir-riħ ivenven
bħaż-żejt li qed jinkalja...
l-arbli tat-telvision
tgħawġu bħall-ħut frisk
fit-taġen jagħli...
id-djar
kemm jaqgħu u ma jaqgħux...
tixtieqek bhima
fil-kenn ta' għar
taħt il-blat sammi!

Bħalissa d-dinja
qisha bħal bniedem
taħt eċċessjoni...
in-nies madwaru
minn ħin għal ieħor
jistennewh
imur għall-agħar,
u kollhom ħerqa
li jaqleb għall-aħjar.